**Minuti tal-mitejn u sebgħa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 25 ta' April, 2013, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll il-ħmistax il-laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Is-Sur Joseph Cordina |
| <u>Viċi Sindku :</u> | Is-Sur Aaron Aġius |
| <u>Kunsilliera :</u> | Dr. Christian Żammit |
| | Dr. Joseph Attard u |
| | Is-Sinjura Maria Grima |
| <u>Uffiċċjali</u> | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

Dr. Kevin Cutajar u s-Sur Victor Zammit kienu skużati.

**APPROVAZZJONI TAL-AĠĠUSTAMENTI TA' L-AWDITUR**

Is-Sindku beda billi qal li din il-laqgħa kellha tissejjaħ b'urgenza minħabba li Memo 59/2012 tesiġi li f'kaz li jkun hemm aġġustamenti fil-*financial statements*, dawn għandhom jiġu approvati mill-Kunsill f'seduta apposta. Huwa spejga li kien hemm aġġustamenti fl-*accruals* tad-dawl tat-toroq u tar-rimi tal-iskart. Huwa spjega li dawn l-aġġustamenti kellhom isiru għaliex l-*invoices* damu ma waslu il-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-aġġustamenti u għalhekk il-financial statements għas-sena 2012 ġew approvatti unanimament mill-Kunsill.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-5.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser tibqa il-laqgħa skedata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Joseph Cordina** | **Mark Formosa** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |